MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tas-6 ta' April, 2011

Avviz Numru. 141/2010

**F. (Advertising) Limited**
**(C – 27689)**

**vs**

**Mary Borg**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta` rikorrenti ghall-kundanna tal-intimata ghall-hlas tas-somma ta' disat elef, tlett mija u hamsin Euro, (€9,350.00), liema somma tirrapprezenta valur ta' servizzi ta' reklamar dovuti ai termini ta' skrittura private datata 2 ta' Ottubru tas-sena 2008;**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru numru 1271/10 u bl-imghax legali mid-data ta' l-istess mandate kontra tieghu ingunt in subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta` rikorrenti sabiex l-inimata twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikata regolarment l-intimata naqset u ma dehritx u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta` rikorrenti u tikkundanna lill-intimata Mary Borg sabiex thallas is-somma ta' disat elef, tlett mija u hamsin Euro, (€9,350.00), lis-socjeta` rikorrenti F. (Advertising) Limited;**

**Bl-ispejjez kif dedotti kontra l-intimata Mary Borg.**

**Marisa Borg**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------